**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 26 ta' April, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 390/2022 AF**

**Sandro Mifsud**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-attur Sandro Mifsud, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent gie akkuzat talli fil-17 ta' Gunju 2009 ghall-habta tat-8:30pm fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-gzejjer:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza daw il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lili ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bhala persuna li mhux impjegata fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorità legittima, dahhal jew ppruva jdahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett, ikun li jkun, li huwa pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhala dak barra mill-habs u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta; u

Talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 09 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, b'sentenza datata 29 ta' Mejju 2019, il-Qorti Magistrati sabet lill-esponent, mhux hati tat-tieni akkuza u tal-addebitu tar-

recidiva ai termini tal-Artikolu 50 u 289 tal-Kapitolu 09 tal-Ligijiet ta' Malta izda sabitu hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrih u tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 09 u kkundannatu ghal piena ta' 6 xhur prigunerija effettiva nkluz li jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' erba' mija u erbgha u sittin Ewro u sitta u erbghin centezmu (EUR464.46) u hamsa u ghoxrin Ewro u wiehed u sittin centezmu (EUR25.61).

L-esponent hass ruhu ferm aggravat minn din is-sentenza u ghaldaqstant l-kawza tieghu tinstab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali quddiem l-Imhallef Aaron Bugeja, differita ghas-27 ta' Lulju 2022.

Fil-mori tal-Appell, l-esponent intavola rikors fejn talab lil-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) toghgobha tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga u dan kif kontemplat fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Avukat Generali rrisponda billi ccita l-impediment previst fl-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537 tal-Ligjiet ta' Malta.

L-esponent in vista tas-suespost, u anke in linea dwar l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-Kawza fl-ismijiet *il-Pulizija v. Reuben Micallef* talab ghall-referenza kostituzzjonali.

Il-Qorti b'digriet taghha cahdet it-talba u referenza peress li kkonkuldiet *inter alia*, illi l-impediment su ccitat huwa differenti mill-impediment iccitat fil-kawza indikata, cioè *Pulizija v. Reuben Micallef.*

Fil-kaz odjern, l-impediment huwa li l-allegata droga nstabet fil-habs, filwaqt li fil-kaz iccitat l-impediment kienet li l-piena kienet li taqbez is-sebgha (7) snin prigunerija.

Però kif se jigi spjegat waqt is-smiegh u trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Qorti tal-Appell Kriminali ir-*rasion d'etere* fiz-zewg istanzi huwa l-istess.

Fil-fatt ir-reat li fuqu nstab hati gie kommess minhabba l-problema li l-esponent kellu bid-droga.

Però t-talba tieghu sabiex il-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta’ Qorti tad-Droga giet michuda minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 13(b) tal- Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-esponent ihoss li c-cahda tal-Qorti tal-Appell illi tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga, kif ukoll l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537, jilledu d-dritt fundamentali tal-esponenti ghas-smiegh xieraq kif imhares taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 06 tal-Konvenzjoni Ewropja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan stante in-nuqqas tal-access ghall-bord stante li tali access gie imbarrat.

L-esponent jaghmel ampja referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Reuben Micallef v. Avukat tal-Istat et.* Rikors Kostituzzjonali Nru: 484/21 JVC ta’ 28/06/2022 fejn f’cirkostanzi simili, il-Qorti ddikjarat li hemm lezjoni ta’ drittijiet fundamentali, kif su spjegat.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li c-cahda tal-Qorti sabiex tikkonverti ruha f’Qorti ta’ Droga u l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537 tal-Ligjiet ta’ Malta qed jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponent, kif su spjegat u konsegwentement taghti rimedju xieraq u opportun fic-cirkustanzi tal-kaz, inkluz li tordna li l-Qorti Kriminali, fil-proceduri kontra r-rikorrent fl-ismijiet il-*Pulizija (Spettur Jurgen Vella) v. Sandro Mifsud* pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ghandha tassumi l-funzjoni tal-Qorti tad-Droga, sabiex ir-rikorrent jkun jista’ juzufruwixxi minn dak li jipprovdi il-Kap. 537 tal-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (trattament mhux prigunerija).

u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Il-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens li l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu senjatament id-dritt ghal-smigh xieraq.

L-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti.

Preliminarjament jigi eccepit li l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u b'hekk ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ibda biex bhala fatti fil-mertu jirrizulta li ir-rikorrenti kien gie akkuzat b'reati konnessi ma' pussess ta' droga fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin u b'sentenza datata 29 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti hati ta' pussess ta' droga eroina gewwa l-habs u gie ikkundannat sitt xhur prigunerija u jhallas l-ispejjez tal-kawza kriminali. Minn din is-sentenza Mifsud intavola appell u l-appell gie trattat fil-mertu u f'dak l-istadju qatt ma saret talba minn naha tad-difiza abbazi tal-Kap. 537 biex il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga. L-appell kriminali thalla ghas-sentenza izda fit-8 ta' Gunju 2022 Mifsud ghamel rikors b'talba sabiex il-Qorti tal-Appell Kriminali tikkonverti ruha f'Qorti dwar id-Droga. L-Avukat Generali inghata zmien jaghmel risposta fejn oggezzjona ghal-din it-talba abbazi tal-fatt li l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537 jipprekludi l-applikazzjoni ta' dan l-Att meta ir-reat ikun wiehed li sar fi jew fir-rigward tal-habs, kif kien dan il-kaz. Il-Qorti tal-Appell Kriminali taghat zmien lir-rikorrenti jara ir-risposta tal-Avukat Generali u jaghmel risposta ulterjuri izda dan ma sarx u minflok fis-6 ta' Lulju gie intavolat rikors iehor fejn ir-rikorrenti talab lil-Qorti tal-Appell Kriminali "tirrimanda l-atti ta' dan il-process ghall-quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)" ghaliex skont hu, l-eskluzjoni bl-Artikolu 13 hija leziva tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali imbaghad b'digriet datat 11 ta' Lulju 2022 cahdet kemm it-talba

ghall-konverzjoni f’Qorti dwar id-Droga u kif ukoll it-talba ghall-referenza kostituzzjonali billi hija intempestiva u frivola.

Ir-rikorrent jidher li qajjem din il-lanjanza kostituzzjonali għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga. Illi l-premessa li r-rikorrent iħoss li ċ-ċaħda tal-Qorti tal-Appell li tassumi l-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu hija infondata u dan stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali iddeċidiet u ċioè ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tikkonverti ruħha f’Qorti dwar id-Droga abbażi ta’ dak li tipprovdi l-liġi stess u għalhekk ma hemmx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. L-artikolu 13(b) tal-Kap. 537 jaghmilha cara illi dak l-Stt ma jsib applikazzjoni meta reat kontra l-ligijiet tad-droga huwa wiehed li sar fi jew fir-rigward ta’ facilità korrettiva.

Bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjoni li l-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent hija wkoll infondata. Il-leġislatur għandu kull dritt li jistabbilixxi *thresholds* jew kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex ikun applikabbli l-artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta. F’dan is-sens issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Il**-Pulizija vs. Andre Falzon***.

Kif gjustament affermat l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digiet taghha tal-11 ta’ Lulju 2022, il-kaz li jiccita ir-rikorrenti ta’ *Reuben Micallef vs. Avukat tal-Istat* m’ghandu x’jaqsam xejn mal-kaz odjern. Illi l-esponenti jaghmlu taghhom l-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tal-11 ta’ Lulju 2022 fejn irrimarkat mhux biss dwar l-intempestività tat-talba li ghamel ir-rikorrenti ai termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta izda tenniet ukoll li l-kawza li jiccita r-rikorrenti dik ta’ *Reuben Micallef vs. Avukat tal-Istat* m’ghandha x’taqsam xejn mal-mertu tal-kawza odjerna ghaliex fi kliem il-Qorti stess il-mertu u l-bazi legali ta’ dik il-kawza huwa kompletament differenti minn dik odjerna ghaliex ***"la l-artikolu tal-Ligi ma huwa l-istess u l-anqas ir-ragunament legali ma jaqbel. B’hekk dik il-kawza ma tistax tigi applikata ghal dan ir-rikors.*** Apparti hekk il-kawza ta’ Reuben Micallef mhijiex *res judicata* ghaliex hija suggett ta’ appell li jinsab pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

L-esponent jeċepixxi li ma hemmx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u ma hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u lanqas tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif dan id-dritt jinsab imħares taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-rikorrenti ġie akkużat fost l-oħrajn li kellu fil-pussess tieghu droga eroina fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. B'sentenza tad-29 ta' Mejju 2019 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lir-rikorrenti ħati ta' pussess ta' droga ġewwa l-ħabs u għalhekk ikkundannatu għal piena ta' sitt xhur priġunerija kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż. Billi ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti nterpona appell. L-appell ġie trattat fil-mertu u l-kawża tħalliet għas-sentenza. L-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti Kriminali tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 saret permezz ta' rikors tat-8 ta' Ġunju 2022. L-Avukat Ġenerali oppona ghal din it-talba billi nvoka l-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537. Intant, ir-rikorrenti talab li ssir referenza kostituzzjonali. B'digriet tal-11 ta' Lulju 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet sia t-talba tar-rikorrenti in kwantu r-referenza kostituzzjonali kif ukoll dik sabiex il-Qorti tikkonverti f'Qorti dwar id-Droga. Fil-fehma tar-rikorrenti din iċ-ċaħda tikser id-dritt fundamentali

tiegħu għal smiegħ xieraq u dan peress illi b'tali ċaħda r-rikorrenti ġie prekluż milli jkollu aċċess għall-Bord dwar ir-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Fir-rikors tiegħu ir-rikorrenti jikkwota s-sentenza fl-ismijiet Reuben Micallef vs Avukat tal-Istat et (Rik. Kost. Nru. 484/21 JVC) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Ġunju 2022. Wara li studjat is-sentenza ċitata, il-Qorti ssib ruħha konkordi mal-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali fis-sens li din is-sentenza m'għandha x'taqsam xejn mal-każ tal-lum u dan mhux biss għaliex iċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ kienu ben diversi minn dak ta' llum, iżda wkoll għaliex il-kwistjoni ċentrali kienet l-applikazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 u cioè artikolu tal-liġi ben divers minn dak li qiegħed jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proċeduri.

L-Artikolu 13 (b) tal-Att Dwar Dipendenza fuq Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kap. 537, jipprovdi li id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx japplikaw "*fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilita' korrettiva*." Din id-disposizzjoni hija maħsuba sabiex toħloq distinzjoni netta bejn reati li għalihom għandu jsib applikazzjoni l-Artikolu 8 u dawk illi għalihom dan l-Artikolu m'għandux japplika.

L-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tar-rikorrenti jittrattaw fost l-oħrajn il-pussess tad-droga waqt illi l-imputat kien jinsab fil-faċilità korrettiva u huwa proprju għalhekk,abbażi ta' dak illi tipprovdi l-liġi, li l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex tikkonverti ruħha f'Qorti dwar id-Droga.

Għal dak illi jolqot il-każ in diżamina, l-aktar partijiet rilevanti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqraw hekk:

"(1) *Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

...

(5) *Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*

*Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari."*

Dik il-parti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li hija ta' rilevanza għall-każ ta' llum taqra hekk:

*"1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

*2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi*."

Ir-reat ta' pussess tad-droga huwa reat li l-liġi trid tikkastiga partikolarment minħabba l-gravità tal-konsegwenzi ħorox li l-pussess u l-użu tad-droga jġibu mhux biss fuq l-individwu li jkun mirkub mill-vizzju iżda wkoll fuq is-soċjetà in ġenerali. Il-Qorti tifhem illi l-ħsieb tal-leġislatur wara l-preklużjoni ravviżata taħt l-Artikolu 13 hija dik illi tikkastiga aktar severament lil min jinqabad bid-droga proprju ġewwa l-faċilità korrettiva. Huwa minn għewl id-dinja illi l-priġunerija hija ntiża bħala deterrent għat-twettiq tar-reati. Wieħed għandu jemmen li bil-fatt li persuna tiġi kkundannata għal sentenza ta' priġunerija effettiva, dan għandu jservi sabiex l-individwu jirrifletti fuq ir-reat li wettaq, jitgħallem mill-iżbalji tiegħu u ma jerġax jirrepeti dak l-iżball, anzi l-persuna nkarċerata għandha tieħu spunt sabiex

tirriforma ruħha u taqbad it-triq it-tajba. Il-fatt li r-rikorrenti, waqt li kien qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija, reġa kommetta reat ieħor juri bl-aktar mod ċar li ma tgħallimx mill-iżbalji tiegħu u li m'għandu ebda rieda sabiex jirriforma ruħu. Dan l-aġir jikser u jikkalpesta l-iskop wara l-promulgazzjoni tal-Kap. 537 liema Att huwa ntiż espliċitament li jagħti a *second opportunity* li min juri dik ir-rieda li jirriforma ruħu u jegħleb il-vizzju b'mod effettiv. Il-Qorti temmen li li kieku l-leġislatur ħalla *carte blanche* sabiex l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 jiġi nvokat minn kull min jinqabad fil-pussess tad-droga, kieku ċertament illi dan l-artikolu jiġi abbużat bla rażan minn kull min jinqabad fil-pussess tad-droga u jseħħlu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li dak il-pussess huwa marbut mal-vizzju u l-użu personali. Jidher għalhekk illi fi sforz biex inaqqas l-abbuż mid-droga, inkluż il-pjaga tad-droga ġewwa l-ħabs, il-leġislatur għaraf joħloq passatur li minnu ma jgħaddux reati speċifiċi u allura li għalihom ma japplikax l-Artikolu 8 proprju għaliex huma meqjusa bħala reati aktar gravi u b'konsegwenzi aktar serji.

Il-Qorti segwiet ir-raġunament li għamlet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Andre Falzon et fejn ingħad hekk:

> *"Dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi hu jekk wieħed minn dawn il-kriterji, u ċjoè l-limitu ta' 300 gramma mpost mil-leġislatur, huwiex wieħed arbitrarju u artifiċjali u allura jiksirlu d-dritt għal smigħ xieraq billi jeskludih minn access għal Qorti li tista' tagħtih piena iktar favorevoli.*
>
> *Artiklu 6 tal-Konvenzjoni u Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ma jagħtux garanzija espliċita ta' dritt t'aċċess għal Qorti. Din il-garanzija iżda tista' titqies impliċita fl-istess disposizzjonijiet għaliex ikun bla siwi li jkollok kull garanzija ta' smigħ xieraq waqt proċeduri ġudizzjarji jekk l-aċċess tiegħek għall-Qorti jkun imbarrat. B'danakollu mhux kull limitazzjoni għall-aċċess lill-Qorti jsarraf fi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Dan id-dritt mhuwiex wieħed assolut u huwa suġġett għal limitazzjonijiet. Il-Qorti ta' Strasburgu tgħid li min-natura tiegħu stess, dan id-dritt jiġi regolat mill-Istat, u jista' jvarja skont il-post u ż-żmien skont il-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-komunità u tal-invividwu. L-Istat għandu marġini*

*t'apprezzament meta jagħmel regolamenti bħal dawn, imma l-limitazzjonijiet m'għandhomx ikunu tali li jġibu fix-xejn l-essenza tad-dritt involut. Barra minn hekk, limitazzjoni titqies inkompatibbli jekk ma jkollhiex għan leġittimu jew jekk ma jkunx hemm relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan li jrid jiġi milħuq.*

*Fil-każ quddiem din il-Qorti, it-threshold impost mil-liġi hu marbut mal-kwantità ta' droga. Il-leġislatur jiddistingwi bejn ammonti żgħar ta' droga u ammonti ikbar u jagħti l-benefiċċju ta' trattament minflok pieni iktar ħorox lil min ikun inqabad b'ammonti żgħar. Il-Qorti tasal biex taqbel li l-leġislatur qiegħed jiffissa x'inhu ammont żghir permezz ta' kriterju "artifiċjali". Imma r-regoli tal-liġi huma kollha kemm huma "artifiċjali" fis-sens li ma jinstabux fin-natura. Huma maħluqin mil-leġislatur li jista' wkoll ibiddilhom minn żmien għall-ieħor. B'daqshekk iżda ma jfissirx li l-iffissar ta' threshold ikun wieħed arbitrarju. Il-leġislatur f'dan il-każ dehrlu li kellu jaqta' linja biex jiddistingwi bejn ammonti żgħar u ammonti kbar ta' droga. Kellu kull dritt jaqta' linja biex jagħti benefiċċju lil min jippossjedi ammonti żgħar ta' droga, iżda mhux ukoll lil min jippossjedi ammonti kbar. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq fil-forma ta' aċċess liberu u effettiv għal Qorti ma jfissirx li kulħadd għandu d-dritt jaċċedi għal kull Qorti, imma dritt għal aċċess għal Qorti disponibbli għax-xorta ta' reat li jkun akkużat bih. It-threshold inħolqot proprju biex taqta' linja ċara u netta. Kien ikun hemm arbitrarjetà li kieku jsir kif jippretendi Andre` Falzon u ċjoè li kieku l-leġislatur ma qata' l-ebda linja bejn ammont żgħir u kbir ta' droga u ħalla kollox f'idejn il-Qorti. Huwa intuwittiv li, speċjalment fil-kamp penali, il-Qrati għandhom japplikaw il-liġi skont kriterji ċari u netti u mhux skont id-diskrezzjoni soġġettiva tagħhom. Tant hu hekk, li ċ-ċertezza legali (legal certainty) hi meqjusa bħala limitazzjoni aċċettabbli għad-dritt t'aċċess lill-Qorti. Il-Qorti lanqas ma tara kif din it-treshold tpoġġi limitazzjoni li m'għandhiex għan leġittimu inkella li mhix raġonevoli u proporzjonali għall-għan li għalih ġiet stabbilita".*

Huwa minnu li fil-każ appena ċitat il-kwistjoni kienet tolqot l-applikabilità tal-Artikolu 8 għal dawk il-każijiet fejn il-kwantità

tad-droga taqbeż il-kriterji hemm indikati mil-leġislatur, madankollu, l-osservazzjonijiet tal-Qorti in kwantu l-applikazzjoni tal-Artikou 6 u l-Artikolu 39 għandhom rilevanza wkoll għall-każ ta' llum.

Il-Qorti tikkondividi bis-shih dak illi qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza appena ċitata. Tqis illi d-diskrezzjoni tal-leġislatur m'għandiex tiġi attakkata meta l-għan tal-limitazzjoni jkun wieħed leġittimu u intiż fl-aħjar interess tas-soċjetà. Dan huwa eżattament l-iskop li għalih il-leġislatur ħaseb fis-subinċiż (b) tal-Artikolu 13 u cioè biex ma jagħtix spunt li min diġà qiegħed inkarċerat li jkompli jikser il-liġi f'mod mill-aktar sfaċċat. Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista' din il-Qorti tqis illi l-fatt li l-leġislatur ħaseb li jeskludi l-benefiċċju tal-applikabilità tal-Artikolu 8 meta si tratta dwar reat ta' pussess fil-ħabs jammonta għal leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. L-aċċess għall-Qorti kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni m'għandux jinftiehem bħala xi jedd assolut jew sagrosant għaliex altrimenti l-leġislatur jiġi prekluż milli jimplementa liġijiet u milli jistabbilixxi kriterji differenti għall-applikabilità ta' dik il-liġi.

Sabiex tirriżulta leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq iriq tabilħaqq jintwera għas-sodisfazzj tal-Qorti li l-leġislatur qabeż il-prinċipju tal-proprozjonalità u cioè ta' dak il-bilanċ bejn l-interessi individwali tas-suġġett ta' dik il-liġi u l-interess pubbliku. Il-provvediment huwa idoneu meta jirriżulta kongruwenti mal-għan li jrid jintlaħaq. In kwantu si tratta dwar liġijiet penali, partikolarment liġijiet dwar id-droga, l-interess pubbliku jiġi mħares meta min jinstab ħati li kommetta reat fil-ħabs ma jiġix aġevolat bl-applikazzjoni tal-eċċezzjoni għar-regola u cioè billi f'dan il-każ jinvoka l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 biex b'hekk jikseb vantaġġ personali. L-Artikolu 8 mhuwiex qiegħed hemm sabiex jaġevola lil min ripetutament jibqa' jiżgarra u jxellef difru mal-ġustizzja.

Fil-każ tal-lum il-Qorti mhijiex issib li bl-implementazzjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 537 qegħdin jinqabżu l-prinċipji tal-proporzjonalità u l-leġittimità u għalhekk ma tistax issib leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi waqt illi tilqa’ l-eċċezzjonijiet, tiċħad it-talba kif dedotta.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu kollha mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG